Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 71
# l-Erbgha 21 ta'Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier < Hareg 07:28 pm >
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier < Hareg 07:10 pm >
Emanuel Brincat – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**71.1 Implimentazzjoni minn Trasport Malta ta' Parkegg ristrett go Triq Rue d'Argens**

71.1.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li f'laqgħa tal-Kunsill, li saret b'urġenza, biex tiddiskuti l-Implimentazzjoni minn Trasport Malta ta' Parkeġġ ristrett go Triq Rue d'Argens, bejn is-6:00 ta' filgħodu u s-6:00 ta' filgħaxija, hawn tat rendikont ta' x'gara matul il-ġimgħa ta' qabel u spjegat li wara li saret laqgħa b'urġenza it-Tnejn 12 ta' Marzu fejn ġie deċiż li l-Kunsill Lokali mhux jaqbel ma' Trasport Malta u talab biex isir moniteragg aħjar qabel ma ssir din ir-restrizzjoni < Doc 1 >, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Awtorità qed tara l-interess Nazzjonali u li restrizzjoni fuq il-parkeġġ se tiġi implimentata b'mod immedjat < Doc 2 >. Hawn kompliet tispjega li hija immedjatament pprotestat ma' Trasport Malta permezz ta' numru ta' kommunikazzjonijiet, sakemm tard bil-lejl dawn infurmawha biex tiltaqa' ma' uffiċjali tal-awtorità u l-ispettur tal-pulizija fis-7:30 tal-għada filgħodu, biex jitkellmu fuq il-post. Minħabba li kien tard bil-lejl, hija avvżat b'li sehh lis-Segretarju Eżekuttiv hekk kif wasal l-ufficċju tal-Kunsill l-għada, u talbitu biex imur magħha biex tiltaqa' mal-uffiċjali. Dawn taw ir-raġunijiet tagħhom il-għala trid ssir din l-implimentazzjoni. Is-Segretarju Eźekuttiv qallhom li dawn ir-raġunijiet iridu jingħataw lill-Kunsill Lokali u trid tissejjah laqgħa b'urġenza biex il-kunsilliera jiddiskutu u jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom. Is-Sindku talbet biex dawn jiġu għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali, Iżda sakemm saret din il-laqgħa twahhlu numru ta' tabelli u Trasport Malta bdiet bl-Implimentazzjoni f'Rue D'Argens u talbet lill-uffiċjali preżenti, L-ispettur tal-pulizija tat-Traffiku Pierguido Saliba u l-Agent ghar regjun ta' Trasport Malta, Is-Sur Thomas Debono, li gew mibghuta biex jispjegaw ir-raguni il-ghala saret din l-implimentazzjoni fuq il-parkegg go Rue D'Argens.

L-ispettur Pierguido Saliba, rapprezentant ghall-pulizija tat-traffiku, ta spjegazzjoni l-ghala inhasset il-htiega li ssir din l-Implimentazzjoni, fejn qal li minn mindu rega' sar il-parkegg go Rue D'Argens, beda jinhass effett fit-traffic flow li beda johloq bil-mod il-mod kongestjoni li kienet qed tinhass f'certu peak hours fil-Kappara u B'Kara u sahansitra go Paceville u sal-limiti tan-Naxxar. Hawn beda jispjega li ghalkemm go Rue D'Argens dan l-andament kien ghaddej, dan ma kienx daqskemm suppost jimxi u minhabba li l-Junction tal-Kappara qed tiflah biex jghaddi volum ta' Traffiku qawwi, dan qed jistagna fejn l-iSkate Park minhabba li qed jingemgha tul it-Triq Mikiel Anton Vasalli, ghax l-andament tat-traffiku jieqaf meta jasal Triq il-Kuncizzjoni direzzjoni lejn il-Belt jew ghal go Rue D'Argens minhabba li din qabel kienet qed thalli volum ta' traffiku jghaddi f'numru ta' minuti u issa dan tnaqqas minhabba li giet karreggjata wahda. Hawn kompla jispjega u xebbah li l-effett kien bhal tul ta' pipe tal-ilma li ikun wiesgha u jiflah certu volum ta' ilma fis-sekonda. Jekk x'imkien f'dan it-tul dan il-pipe jickien mill-wisgha, ghalkemm l-ilma xorta jghaddi, dan ma jkunx jiflah l-istess volum fis-sekonda u jibqa' ma jistax jghaddi bl-istess ritmu u jibda jingema fuq wara. Ghalhekk ghalkemm jifhem li kien hemm ftehim biex dan il-parkegg jerga' isir u jista' jifhem li r-residenti huma mwegga', it-traffic control board, li huwa maghmul minn diversi entitajiet, fosthom il-Pulizija, Trasport Malta, L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, Il-GRTU, Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u ohrajn. Qed jinnotaw li c-cirkustanzi issa nbidlu matul dan iz-zmien sakemm sar il-progett u li ghalkemm jezistu zewg alternattivi fejn jew jitnehha ghal kollox il-parkegg, jew inkella fil-kunsiderazzjoni ta' rizorsi umani limitati li l-Kunsill jitlob, izda jrid jaghmel tajjeb ghall-ispejjez biex ikun hemm aktar ufficjali go numru ta' zoni msemmija biex jikontrollaw it-traffiku.

Il-kunsilliera prezenti ghamlu oggezzjoni ghall-ahhar kummenti u ghamlu diversi mistoqsijiet.

Is-Sur Maurice Agius qal, li sa minn qabel il-progett, il-Kunsill Lokali tal-Imsida ghamlu s-suggerimenti fuq numru ta' affarijiet li lanqas biss gew kkunsidrati. Fosthom l-istage tal-linja u l- bankina fejn l-ghassa li se tkun qed tohloq ostaklu biex tal-linja taqla 'il barra u tiehu il-karreggjata ghall-Belt. Hawn kompla jghid li anke s-suggerimenti fuq il-Valletta only ma gewx kkunsidrati u dan jista' jintuza ahjar biex it-traffic flow tibqa' ghaddejja u min irid imur il-Belt kull ma jrid jaghmel huwa jiehu bicca dawra zghira bla xkiel. Hawn kompla billi pogga fuq il-mejda < Doc:3 >, li r-residenti kienu gew mgharrfa minn Trasport Malta u l-Ministru ta' dak iz-zmien, permezz ta' ittra, li se jsir minn kollox biex jinstab parkegg alternattiv u jitnaqqas dan l-inkonvenjent. Izda ghal xi raguni dan qatt ma sar. Hawnhekk jistaqsi, meta wara tant zmien ta' inkonvenjenza u wara li fl-ahhar rega' sar il-parkegg kif suppost, il-ghala r-residenti ghandhom jerghu jsofru inkonvenjent iehor u kull filghodu iqumu kmieni biex inehhu l-karozza biex joqghodu iduru forsi isibu parkegg iehor <ghall din il-mistoqsija is-Sur Thomas Debono beda jitbissem u is-Sur Maurice Agius qallu li dawn mhux affarijiet li hemm ghalfejn jitbissem ghax huma serji >. Possibbli li t-Traffic Board, wara tant gimghat li ilu lest il-progett, ma ndunax li xorta hemm certu volum ta' traffiku ghaddej u skont minn fejn hu niezel? Issa li wara gimgha gew iwahhlu t-tabelli, jista' xi hadd mill-Awtorita' jghid jekk dan hux skond il-ligi? Ghax sa fejn huwa nfurmat, meta tkun se ssir xi mplimentazzjoni u twahhil ta' tabelli, irid ikun hemm pre-avizz sa hmistax qabel dan jibda fis-sehh u talinqas dan irid ikun ppublikat fuq il-gazetta tal-gvern. Dan s'issa ghadu ma sarx.

Mizjuda:<ghall din il-mistoqsija is-Sur Thomas Debono beda jitbissem u is-Sur Maurice Agius qallu li dawn mhux affarijiet li hemm ghalfejn jitbissem ghax huma serji >

Is-Sur Alan Abela Wadge qal li ma jistghax jifhem il-ghala sar il-parkegg u wara inqas minn gimgha, Trasport Malta trid tnehhih. Possibli dawn ma bassrux li dan li qed jghidu seta' jigri ghax il-progett ilu numru ta' gimghat lest u kienu zgur qed jaghmlu moniteragg.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li qabel ma saret din l-implimentazzjoni, ir-residenti setghu gew infurmati minn qabel u mhux hekk kif saret u fakkar li meta kien se jibda l-progett kienet saret konsultazzjoni u kampanja ta' taghrif permezz ta' tabelli u mezzi ohra biex in-nies ikunu jafu x'se jsir u minn fejn ghandhom jghaddu, izda issa li l-progett huwa lest dan ma regax sar u jista' ikun li kampanja bhal din, flimkien ma' suggerimenti ohra, ga msemmija, tista' tkun is-soluzzjoni u jibqa l-parkegg, ghax mhux sew li r-residenti ikomplu dejjem ibghatu, ghax mill-Imsida jghaddi hafna traffiku u allura bilfors irid isir hekk.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kif Trasport Malta waslet ghal din id-decizjoni u b' liema studju dan sar biex gie konkluz li l-problema li inholqot hija gejja mill-parkegg. Hawn kompla jaraha stramba li meta huwa stess ikun qieghed ta' spiss isuq mad-dawra u t-toroq msemmija u gol-Imsida, b'mod specjali Rue D'Argens. Issa qed isibha aktar facli li jghaddi minn din it-Triq u minhabba f'hekk ma jistax jifhem l-argumenti u r-raguni il-ghala trid issir din l-implimentazzjoni, ghax fit-toroq l-ohra msemmija meta ma kienx hemm il-parkegg, xorta kienu qed jigu kkawzati l-problemi fl-andament tat-traffiku, ghax bhal haddiehor gieli inqabad fih. Hawn kompla jispjega li huwa tal-opinjoni li Trasport Malta jew it-Traffic Management board kienu ga hadu d-decizjoni qabel m'ghamlet konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali, ghax dan gie mgharraf wara tlett ijiem biss u f'inqas minn zmien gimgha kien hemm it-tabelli lesti mwahhla.

Is-Sur Lino Bartolo qal li l-Kunsill Lokali, bhall-Gvern tal-lokal, ghandu jigi kkonsultat, izda bhas-soltu l-awtoritajiet jibqghu ghaddejjin bhal gaffa minn fuq il-Kunsill Lokali u r-residenti, u dan m'hux sew, basta saru d-devuluzzjonijiet u l-Kunsill ma jigi kkonsultat b'xejn jew inkella wara li tittiehed decizjoni mill-awtoritajiet. F'dan il-kaz l-awtoritajiet infurmawna x'se jaghmlu u mhux ikkunsultaw.

Il-Kunsilliera prezenti, bi ftehim, taw spazju biex xi residenti jaghmlu l-kummenti taghhom fuq is-suggett.

Ir-Residenti prezenti ghal-laqgha, flimkien ma' xi interventi zghar mill-kunsilliera, semmew fost ohrajn il-problemi dwar ir-reserved parking u l-Loading and Unloading bay, ghax bhall-parkegg, hija xorta obstruction. Xi kummenti minn ufficjal tal-pulizija u ghala r-restrizzjoni hija biss go Rue D'Argens L-Imsida u mhux go zoni ohra bhal Gzira u l-iMrabat, semmew punti ohra ta' sigurta'. Iz-zebra crossing u tabelli ta' kemm tista' tghaddi vettura minn go triq u fejn jinholqu l-bottlenecks mhux qabel izda wara l-parkegg bhal fejn l-istadjum u l-A1 il-Gzira.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hi ma taqbilx u mhux konvinta mir-ragunijiet li nghataw u bhall-kunsilliera u r-residenti li ghamlu hafna mistoqsijiet u llmenti, tixtieq tkun taf jekk wara dan kollu jirrizulta li xorta ghad hemm il-problema li juru ma kienx minhabba l-parkegg. X'se jsir? Ghax hawn hija tippretendi li din l-Implimentazzjoni titnehha minnufih.

Ir-Rapprezentanti ta' Trasport Malta u l-Pulizija taw it-twegibiet taghhom ghall-mistoqsijiet u kummenti li saru.

Is-Sur Thomas Debono, rapprezentant ghal Trasport Malta, spjega u kien qed jikkonferma dak li kien qed jghid L-Ispettur Piere Guido Saliba u qal li mindu rega' sar il-parkegg u b'mod immedjat gie osservat li qed jingema t-traffiku matul it-toroq imsemmija li kien qed jikkawza tailback qawwi. Hawn kompla jispjega li dan kien qed jigi osservat mill-control room permezz ta' kameras li huma nstallati b'mod strategiku u anke mill-ufficjali tal-pulizija u Trasport Malta li jkunu fuq il-post ghall-kontroll tat-traffiku u li qed isibuha difficli biex imexxu l-andament tat-traffiku meta dan jibda jimblokka fiz-zona tal-iSkatepark. Filwaqt li huwa minnu li jsir certu parkegg go certu toroq, bhall-Imrabat, li hi one way, dan ma jfissirx li dawn jistghu. Qed jinhargu numru ta'multi. Fejn tidhol il-ligi ta' avvizi, Trasport Malta, jekk b'rakkomandazzjoni mit-Traffic Board, tara li hemm bzonn immedjat u ghar-ragunijiet Nazzjonali, tnehhi l-ostaklu ghat-traffiku, mhux se toqghod lura milli tiehu din id-decizzjoni

L-Ispettur Pierre Guido Saliba, rapprezentant ghall-pulizija tat-traffiku, wiegeb dirett ghall- mistoqsijiet li saru u spjega li sfortunatament go Malta hemm zewg lokalitajiet li huma hub ghat-traffiku u l-Imsida hija l-aghar, ghax kuntrarju ta' Marsa, it-traffiku jghaddi dirett minn gewwa l-Imsida. Dan johloq certu problemi u jekk il-Kunsill ghandu numru ta' suggerimenti, dan ghandu jitlob biex jiltaqa mat-Traffic Board u jiddiskuti maghhom. Huwa veru li l-Kunsill ghandu ikun kkonsultat, biss kif jifhem li l-kunsill jara l-interess tar-residenti, l-awtorita' thares lejn l-interess Nazzjonali. Filwaqt li jifhem l-iskop li intbghatet l-ittra lir-residenti, huwa jifhem li seta' intuza kliem differenti, ghax din intbghatet f'cirkustanzi ta' projection ta' kif jista' ikun it-traffic flow, filwaqt li matul iz-zmien sakemm sar il-progett, ic-cirkustanzi tallum inbidlu ghal kollox, bhall-peak hours, li qabel filghodu kienu bejn is-7:00am u id-9:00am, waqt li filghaxija kienu bejn 4:30pm u 6:00pm, waqt li issa ghandek hinijiet ohra mizjuda ma' dawn li huma kkunsidrati peak hours . Ta' kuljum huwa ikun qieghed idur fiz-zona u anke jikkonsulta u jiddiskuti mal-ufficjali tieghu kif inhuma ghaddejjin l-affarijiet u jipprovaw johorgu b'soluzzjoni, izda dan ma jkunx dejjem facli. Dwar il-ligi tal-avvizi, huwa spjega li hemm ligijiet ohra li jistghu jiggustifikaw implimentazjoni mmedjata. Dwar ir-reserved parking u l-Loading / Unloading bay u b'referenza ghall-kliem li nghad li ntqal minn ufficjal tal- pulizija, L-Ispettur spjega li jista' jibda jinvestiga u jiehu passi jekk ma' min sar dan id-diskors hu cert mill-fatti u jaghmel ir-rapport biex ikun jista imexxi. Il-Pulizija u l-Awtorita' ma tridx tikkawza l-ebda inkonvenjent lir-residenti ghalxejn u jekk jirrizulta li xorta baqghet il-problema anke wara l-implimentazzjoni, il-Pulizija flimkien mat-Traffic Board, mhux se jhallu r-restrizzjoni ghalxejn.

Ir-Rapprezentanti u r-residenti hargu mill kamra fis-7:10 pm

71.1.02 Is-Sur Charles Selvaggi talab biex tkompli d-diskussjoni bejn il-kunsilliera prezenti u pogga fuq il-mejda proposta < Doc:4 > biex niktbu ittra ufficjali lil-Ministru inkarigat mit-trasport ffirmata minnu , is-Sur Maurice Agius , s-Sur Alan Abela Wadge u Sinjura Romina Galea u spjega li ghalkemm huwa qed jipproponi dan fil-kontenut taghha u minhabba li diga' hemm qbil unanimu mill-laqgha precedenti bejn il-kunsilliera kollha, li m'humiex qed jaqblu mar-restrizzjoni mposta minn Trasport Malta fuq il-parkegg go Triq Rue D'Argens , bla distinzjoni politika u bhala Kunsill wiehed maghqud, talab biex din tittiehed bhala mozzjoni tal-Kunsill u tigi approvata.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qrat il-kontenut u qalet li ghalkemm hija qed taqbel, xtaqet ticcekkja jekk hijiex korretta li din il-mozzjoni tigi pprezentata bla pre avviz.
Is-Sur Charles Selvaggi wiegeb li hu ga ccekkja u la l-proposta tal-mozzjoni hija mas-suggett tal-Agenda, din tista ssir biss jitlob lis-Segretarju Ezekuttiv biex jaghmel il-verifika mehtiega biex nimxu mar-regoli.

Is-Sur Lino Bartolo talab biex jigi skuzat ghax ghandu bzonn imur minhabba attivita' ohra tal-Kunsill li se tibda fi ftit minuti ohra u ddikjara li sakemm il-mozzjoni kif proposta hija inregola mal-proceduri, huwa jiddikjara ruhu favur .

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonsulta mal-proceduri u wiegeb li sakemm din il-proposta hija mas-suggett u l-Kunsilliera prezenti kollha unanimament qed jaqblu mal-kontenut tal-ittra kif pprezentata, din tista tittiehed bhala mozzjoni u jistghu jiddeciedu fuqha.

**<u>Mozzjoni – Parkegg Triq Rue D'Argens, L-Imsida < Doc 5 ></u>**

Il-Kunsill Lokali tal-Imsida jinnota li :

1. Xhur ilu, il-Ministru responsabbli mit-Trasport, kien ftiehem mal-Kunsill lokali L-Imsida, sabiex, sakemm isir ix-xoghol fuq it-toroq tal-Kappara, jitnehha l-parkegg kollu fi Triq Rue D'Argens, L-Imsida, ftehim li l-Kunsill zamm;

2. Numru ta' gimghat ilu, dan il-progett tlesta u ghalhekk fil-granet li ghaddew Trasport Malta regghet poggiet l-ispazji tal-parkegg ghad-disposizzjoni tar-residenti u tal-pubbliku in generali;
3. Ftit granet wara, l-istess Awtorita', wahlet tabelli li ma jistax isir parkegg tul il-gurnata u dan minkejja weghda bil-miktub li l-Kunsill Lokali ghandu minghand il-Ministru responsabbli mit-traffiku;

Invista ukoll tal-applikazzjoni li ghandu l-Kunsill Lokali L-Imsida, ghar-Residents Parking Scheme, liema applikazzjoni baqghet lanqas biss giet ikkunsidrata, minkejja li ghaddew numru ta' snin, dan il-Kunsill:
1. Jitlob lill-Ministru sabiex b'mod immedjat izomm mal-weghda tieghu cioe' li l-parkegg jerga' jibda jitgawda mill-kommunita' Msidjana wara li jispicca l-progett ta' Triq Regjonali u jhalli li jsir parkegg 24 siegha kuljum kif kien qabel;

2. Jitlob lil Trasport Malta sabiex fi zmien tlett ijiem it-tabelli li ghamlu sabiex il-parkegg ikun jista' jsir tul il-gurnata u l-lejl kollu;

Jekk dan ma jsehhx b'mod immedjat, il-Kunsill jikkonsidra li jiehu passi ulterjuri inkluz dawk legali jekk jinhass il-bzonn sabiex jissalvagwardja l-interessi tan-nies tal-Imsida.
Il-Kunsill Lokali jassigura lill-kommunita' Msidjana, li huwa ddeterminat li ser jaghmel minn kollox u ser jiehu l-passi kollha neccessarji inkluz dawk legali sabiex jissalvagwardja l-interessi taghhom. Ghall-Kunsill Lokali L-Imsida, l-interess tal-Kommunita' jigi l-ewwel u qabel kull interess iehor.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai staqsiet lill-kunsilliera prezenti jekk jaqblux jew rridux jaghmlu xi emenda.
Il-Kunsilliera Charles Selvaggi, Romina Galea, Alan Abela Wadge, Maurice Agius u s-Sindku Margaret Baldachino Cefai qablu unanimament li ghandha tintbghat l-ittra ufficjali bil-kontenut kif pprezentat u talbu lis-Segretarju Ezekuttiv biex jibghata sal-ghada 22 ta' Marzu, 2018.

**71.2 Tmiem tal-laqgħa.**

71.2.01 Il-laqgha ntemmet fis-7:50 pm

Minuti konfermati, illum 27 ta' Marzu 2018

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |